MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' April, 2005

Numru. 1/2005

**Il-Pulizija**

**Spettur Antonello Grech**

**V**

**SARAH EMILY GALEA**

**ALEXANDRA BOSIOS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **SARAH EMILY GALEA** ta' 17 il-sena, bint Mario u Carmen nee Dingli, imwielda USA fl-14 ta' Settembru, 1987 u residenti "Sunset", Triq Viani, Victoria, detentrici tal-karta tal-identita` numru 482700L u **ALEXANDRA BOSIOS** ta' sittax il-sena, bint Mario u

Paola nee Buontempo, imwielda Pieta nhar it-3 ta' Dicembru, 1987 u residenti "Barbagann", Triq il-Knisja, Ghasri, detentrici tal-karta tal-identita` numru 13788M gew mressqa quddiemha akkuzati talli fis-7 ta' Mejju, 2004 ghal habta ta' nofs in-nhar fir-Rabat, Ghawdex, ghamlu vjolazzjoni ta' oqbra jew ta' postijiet ta' dfin maghrufin hekk minn kulhadd.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar it-tnax ta' April, 2005.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom ftit taz-zmien biex jekk riedu setghaw jergaw lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tnax ta' April, 2005.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputati, hija sodisfatta li l-imputati ghandhom jinstabu hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom.

Dwar il-piena l-Qorti hadet konjizzjoni tas-segwenti, u cioe` qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ammissjoni bikrija tal-imputati fl-ewwel opportunita` moghtija lilhom waqt il-presentata, il-koperazzjoni tal-imputati kif ddikjarat mill-Prosekuzzjoni seduta stante u l-fedina penali netta tal-imputati bl-ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqhom, l'eta` zghira tal-imputati tant li l-imputata Alexandra Bosios kellha biss hmistax il-sena waqt li l-imputata Sarah Emily Galea kellha sittax il-sena meta ikkommettew ir-reati in kwistjoni.

Il-Qorti rat illi l-Prosekuzzjoni naqqset li taghti l-valur tal-hsara kagjonata fil-proprjeta` tal-Gvern u ghalhekk il-Qorti sejra tqis il-hsara kagunata bhala dik li l-ammont ma jeccedix l-ghaxar liri Maltin kif jiddisponi l-artikolu 325 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti rat il-proviso ta' dan l-artikolu li jipprovdi li f'kaz ta' hsara fil-proprjeta` pubblika il-hati ghandu jigi ikkundannat ihallas multa ekwivalenti

ghall-hsara li tkun saret pero' una volta il-qwantum tal-hsarat ma jirrisultax mill-atti, il-Qorti ma tistax tapplika dan il-proviso u ghalhekk mhux ser tikkundannhom ihallsu l-hsara.

**Il-Qorti thoss li hemm cirkostanzi li jimmeritaw l-Qorti tapplika provvedimenti tal-artikolu 37 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-ragunijiet fuq premessi u hija tal-fehema illi ghandha tpoggi liz-zewg imputati taht is-supervizjoni ta' Ufficjal tal-Probation.**

**Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 162, 325 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputati SARAH EMILY GALEA u ALEXANDRA BOSIOS hatja tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront taghhom, tiddeciedi li tpoggi lill-istess imputati hatja taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation ghall-perjodu ta' sentejn mill-llum.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation skond l-artikolu 7 (8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jinnomina persuna idonea ghal dan il-ghan.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hatja probationers u x'jigri f'kaz illi huma jonqsu li josservawha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------